Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 539 / 2014**

Il-Pulizija

(Spettur Maurice Curmi)

vs

**Annabelle Camilleri (Monreal)**

Illum, 9 ta' Gunju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta Annabelle Camilleri (Monreal) bint Martin Monreal, imwielda Pieta' fit-18 ta' Mejju, 1985, detentrici tal-karta tal-identita' numru 311185(M), akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f' dawn il-Gzejjer f'Dicembru 2014 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn l-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

1. B'mezzi kontra il-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamlet qligh ta' aktar minn hames mitt (500) ewro,

ghad-detriment ta' James Celeste ID Card 219500(L), Tina Yashchuk ID Card 120277(A), Valeria Tamburin, Kurt Lanzon ID card 99596(M), Yanika Cuschieri ID card 238795 (M), Elitsa Ivanova, ai terminu ta' l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, approprija ruha, billi dawret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' s-somma ta' aktar minn hames mitt (500) ewro, ghad-detriment ta' James Celeste ID Card 219500(L), Tina Yashchuk ID Card 120277(A), Valeria Tamburin, Kurt Lanzon ID card 99596(M), Yanika Cuschieri ID card 238795 (M), Elitsa Ivanova, ai termini ta' l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Akkuzata ukoll talli saret recidiva b'diversi sentenzi moghtija mil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula, ai terminu ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Akkuzata ukoll talli kisret il-provvedimenti ta' l-artikolu 28A et sequitor billi kisret il-kundizzjonijiet imposti fuqha b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 02.12.2013.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-19 ta' Dicembru, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 308, 309, 310, 49, 50, 28A sa H, 17 u 31 tal-Kodici Kriminali l-Qorti sabet lill-imputata hatja tal-ewwel u tat-tielet imputazzjoni migjuba fil-

konfronti taghha kif minnha ammessi u kkundannatha disa' (9) xhur prigunerija. Il-Qorti inoltre ordnat li l-perjodu ta' sentejn prigunerija sospizi li giet ikkundannata l-imputata permezz ta' sentenza tat-2 ta' Dicembru, 2013 jigu rezi operattivi sabiex b ' hekk l-imputata ghandha tiskonta perjodu kumplessiv ta' sentejn u disa' xhur prigunerija. Stante li t-tieni mputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni li taghha l-imputata instahet hatja l-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti Annabelle Camilleri minnha pprezentat fl-24 ta' Dicembru, 2014 fejn talbet lil din il-Qorti joghgobha tvarja is-sentenza appellate billi tikkonfermaha fil-parti fejn il-Qorti sabet htija u thassara f'dik il-parti fejn erogat il-piena u minflok tikkundanna lill-appellanta piena aktar mita u ekwa fic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti tal-Magistrati kienet wahda eccessiva u esagerata u dan minhabba ir-ragunijiet li gejjien;

Illi l-appellanta taghmilha cara li hija ammettiet l-imputazzjonijiet kif gew migjuba kontriha u qieghda tassumi l-konsegwenzi ta' tali ammissjoni;

Illi pero l-Qorti tal-Magistrati erogat piena li fic-cirkostanzi kollha tal-kaz kienet wahda harxa u zgur mhux diretta ghar-riforma tal-appellanta.

> *Illi l-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 308, 309, 310, 49, 50, 28A sa H, 17 u 31 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-ewwel u tat-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi u tikkundannaha disa' (9) xhur prigunerija. Il-Qorti inoltre tordna li l-perjodu ta' sentejn prigunerija sospizi li giet ikkundannata l-imputata permezz ta' sentenza tat- 2 ta' Dicembru, 2013 jigu rezi operattivi sabiex b'hekk l-imputata ghandha tiskonta perjodu kumplessiv ta' sentejn u*

*disa' xhur prigunerija. Stante li t-tieni mputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni li taghha l-imputata instahet hatja l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni.*

Illi fid-dawl tar-rinunzja ta' xi kwerelanti u tal-fatt li dan kien reat kontinwat kif jirrisultaw ampjament u dan bi ksur tal-Artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-prosekuzzjoni kellha tressaq l-appellanta b' charge wahda u mhux tressaq lill istess erba darbiet in fila bl-istess reat; Ta' min jirrimarka li dawn ir-rapporti saru kollha fl-istess ghassa u gew investigati mill-istess Spetturi. L-appellanta thoss li kieku l-procedura giet osservata, hija kien jkollha l-piena mizjuda bi grad u mhux tispicca b' hafna sentenzi kif fil-fatt qed jigri a detriment u b'ingustizzja ghaliha.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanta esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

1. Illi fit-tmintax (18) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) l-appellanta tressqet b'arrest akkuzata bi frodi b'eghmil qarrieqi, b'approprjazzjoni in debita, li saret recediva u li kisret il-provvedimenti tal-artikolu 28A billi kisret il-kundizzjonijiet imposti fuqha b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata t-tnejn (2) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlettax (2013).

2. Illi fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) il-prosekuzzjoni indikat li t-tieni imputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni;

3. Illi l-appellanta wiegbet li hija hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u kkonfermat l-ammissjoni taghha anke wara li l-Qorti tatha zmien tikkonsidra l-ammissjoni taghha;

4. Illi l-Prosekuzzjoni pprezentat sentenza moghtija fit-tnejn (2) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) fil-konfront tal-appellanta fejn bl-applikazzjoni tal-Aritkolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ikkundannata ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin;

5. Illi fid-dsatax (19) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) il-Qorti kienet regghet staqsiet lill-imputata xi twiegeb ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghha u l-imputata regghet ikkonfermat l-ammissjoni taghha anke wara li l-Qorti tatha zmien tikkonsidra l-ammissjoni taghha.

6. Illi il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-sentenza tad-dsatax (19) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) sabet lill-appellanta hatja tal-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjoni u stante li t-tieni (2) imputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazjzoni, il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ultejuri ta' dik l-imputazzjoni, ikkundannata ghal disa' (9) xhur prigunerija kif ukoll ordnat li l-perjodu ta' sentejn prigunerija sospizi li giet ikkundannata l-appellanta permezz tas-sentenza tat-tnejn (2) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) jigu rezi operattivi sabiex b'hekk l-imputata ghandha tiskonta perjodu kumplessiv ta' sentejn u disa' xhur prigunerija.

Illi l-appellanta appellat minn dik is-sentenza limitatament dwar il-piena imposta mill-Ewwel Qorti. L-appellanta fir-rikors tal-appell taghha ssottomettiet li l-piena kienet wahda harxa u zgur mhux diretta ghar-riforma tal-appellanta. Issottomettiet li fid-dawl tar-rinunzja ta' xi kwerelanti u tal-fatt li dan kien reat kontinwat kif jirrizultaw ampjament u dan bi ksur tal-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-prosekuzzjoni kellha tressaq l-appellanta b'*charge* wahda u mhux tressaq

lill-istess erba' darbiet in fila bl-istess reat. Issottomettiet li dawk ir-rapporti saru kollha fl-istess Ghassa u gew investigati mill-istess Spetturi. L-appellanta thoss li kieku l-procedura giet osservata, hija kien jkollha l-piena mizjuda bi grad u mhux tispicca b'hafna sentenzi kif fil-fatt qed jigri a detriment u b'ingustizzja ghaliha.

Ikkunsidrat;

Illi fil-kaz odjern  skont dak li jirrizulta mill-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-appellenta, jirrizulta li l-vittmi kienu sitta u cioe' certu James Celeste, Tina Yashchuk, Valeria Tamburin, Kurt Lanzon, Yanika Cuschieri u Elitsa Ivanova.  Illi hija fid-diskrezzjoni tal-Prosekuzzjoni jekk tintavolax procedura wahda li tkun tkompri rapporti ta' numru ta' vittmi jew tiehux proceduri separati fil-konfront tal-appellanta u cioe' proceduri ghal kull rapport li jsir fil-konfront tal-appellanta. F'dan il-kaz partikolari, l-imputazzjonijiet jindikaw li kien hemm numru ta' vittmi u li ghalhekk dawn il-proceduri jkopru ammont ta' vittmi filwaqt li setghu gew intavolati proceduri ohra dwar rapporti ohra maghmulha minn vittmi ohra. L-Ewwel Qorti ma semghetx lil dawn il-vittmi mertu ta' dawn il-proceduri jixhdu stante li l-appellanta ammettiet l-imputazjonijiet fil-konfront taghha u lanqas jirrizulta jekk uhud mill-vittmi irrinunzjawx ghal kwerela migjuba fil-konfront tal-appellanta.  Mill-atti lanqas jirrizulta x'kienu l-ammonti li l-vittma soffrew ghajr li fl-istqarrija rilaxxata mill-akkuzata fit-tmintax (18) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) u li tinsab a fol 14 et sequitur immarkata bhala MC3 jissemmew numru ta' ammonti diversi moghtija lill-appellanta mill-vittmi. Jirrizulta li fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) quddiem din il-Qorti, Dr Marion Camilleri ghall-appellanta talbet differiment sabiex l-appellanta taghmel tajjeb ghall-vittmi f'dan il-kaz, il-Qorti kienet laqghet it-talba u akkordatilha zmien sal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) sabiex tiprezenta nota b'cedola ta' depozitu f'dan is-sens. Illi fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Mejju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) l-appellanta prezentat cedola ta' depozitu fejn l-appellanta iddepozitat is-somma komplessiva ta' elf u erba' mitt ewro (1,400) sabiex eventwalment jigu liberalment zbankati mill-parti leza.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-ksur tal-provvedimenti tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' li l-appellanta ksiret il-kundizzjonijiet imposti fuqha b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata t-tnejn (2) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlettax (2013), vera kopja ta' din is-sentenza tinsab a fol 18 et sequitur, stante li l-appellanta ammetiet l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha, din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra ghajr li tikkonferma fejn l-Ewwel Qorit rrendiet operativa dik is-sentenza fejn kienet ikkundannata ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin u ghalhekk din il-Qorti qieghda tikkonferma fejn il-Qorti ordnat li s-sentejn (2) prigunerija jidhlu fis-sehh.

Ghalhekk din il-Qorti jonqosha tqis il-piena li ghandha tigi inflitta ghar-reati li taghhom instabet hatja u cioe' ta' frodi b'eghmil qarrieqi kif ukoll li l-appellanta hija recediva. Fl-ewwel lok jirrizulta li l-fedina penali tal-appellanta hija wahda refrettarja fejn kienet instabet hatja ghal numru ta' reati inkluz reati ta' frodi. Mary Rose Farrugia Ufficjal tal-Probation xehdet quddiem din il-Qorti diversament preseduta fis-seduta tal-erbgha (4) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn esebiet Social enquiry report. Din il-Qorti tinnota li jirrizulta li dak ir-rapport ipprezentat a fol 88 et sequitur *si tratta* ta' proceduri ohrajn fejn il-vittma ma hijiex l-istess bhal dik mertu ta' dawn il-proceduri tant li hemm imnizzel li hija dwar akkuza ta' frodi ghad-dannu tar-Radisson Blu Resport and Spa.

Mary Rose Farrugia fix-xhieda taghha fost affarijiet ohra spjegat li meta kienet ghadha taht Ordni ta' Probation l-appellanta kienet tfalli appuntamenti, li ghalkemm kienet tghid li hija impjegata, ir-rekords tal-ETC ma kienux juru li hija tinsab impjegata, xehdet dwar incident li sehh fid-Dipartiment tal-Probation fejn kienet anke heddedt lil impjegat tad-Dipartiment u fejn kienet anke saret aggressiva waqt li l-Ufficjal tal-Probation staqsiet mistoqsija lil partner tal-appellanta.

F'dan ir-rapport li jinsab a fol 89 et sequitur tnizzel fost affarijiet ohra li '*F'dan ir-rapport joħroġ il-mod manipulattiv u qarrieqi li tuża Annabelle sabiex din l-ewwel tirbaħ il-*

*fudućja ta' vittma u wara li jkun tard wisq din tinduna li spiċċat ingannata minn Annabelle u konsegwenza ta' hekk issofri danni finanzjarji sostanzjali. Annabelle mhux talli ma turix rimors għal dak li tkun wettqet anzi bl-istess manjiera manipulattiva tilgħaba tal-innoċenti, u bl-iskuża li ma kinetx taf bil-konsegwenzi li jirriżultaw, din tiġġustifika l-azzjonijiet tagħha.'*

Fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019) quddiem din il-Qorti, Charles Cassar xehed li huwa psikoterapista u ilu jsegwi lill-appellanta minn Lulju jew Awissu tas-sena elfejn u erbatax (2014) meta giet rakomandata mill-Ufficjal tal-Probation. Spjegat li '*fl-initial stage jiġifieri d-diagnosis kienet li Annabelle kienet daqsxejn background fi ftit kliem. Kellha ħajja daqsxejn waħda ħedonistika, hi kienet biex nifthemu tat-tajjeb u kellha xi sekwestri ċivili fejn imbagħad ma setgħetx toqgħod għal dik il-ħajja fejn kellha l-assi tagħha ġew sekwestrati u pruvat tagħmel kif għamlet shortcuts billi rrizulta f'dawn l-akkuzi li għandha kontra tagħha. Meta aħna ħdimna kont naraha fil-bidu darba kull ġimgħatejn fejn aħna ħdimna biex hi tirrejalizza kont għamilt reality therapy magħha li l-ħajja mhix shortcuts imma inti biex taqla' lira trid taħdem għaliha ma jistgħax tiġi mix-xejn. Nista' nghid lit-terapija kienet suċċess għax minn dakinhar sa llum ma għamlitx rejat ieħor u filfatt tul it-terapija li għamilna bdiet taħdem u kellha xi tlett xogħolijiet jiġifieri at a point in time kellha zewġ xogħolijiet f'daqqa fejn kienet ħadet kuntratt tal-play mobile u kienet chambermaid kienet fuq ic-chambermaids min għalija l-Esplora. Jiġifieri dawn huma postijiet kif naqbad ngħid normali mhux xi high class paid jiġifieri qagħdet għalihom. Meta daħlet il-ħabs segwejtha wkoll u nista' ngħid illi l-attitudni tagħha ta' kif daħlet il-ħabs u tal-ħabs hija l-istess jidirli mill-feedback li nieħu..*' Spjega li '*ħadet parental skills wkoll qed tieħu kors ta' beautician u għandha idea jew dream għidilha li trid illi meta toħroġ mill-ħabs tintefa beautician jiġifieri jiena dak li nista' ngħid in a nutshell.*' Xehed li huwa jaraha darba f'xahar u li l-*way forward* huwa li meta tohrog mill-habs jibqa' jsegwiha biex jara li ma jkunx hemm relapses, spjega li '*l-perjodu ta' minn meta wettqet ir-rejati ta' frodi kien wisq short fis-sens li ssir addict u ta' dan jirrizulta li minn 2014 ma għamlitx rejat ieħor sakemm issegwiha jigifieri l-pjan hu li tibqa' s-segwi naraw li ma jkollix kumpanija ħazina..*'. Spjega li '*tibqa' għadejja fuq ir-rejalta lir-rejalta inti biex tkun kuntenta b'dak illi inti għandek u mhux trid affarijiet li ma jistgħax ikollok u ejja ngħidu konna sat-terapija ta' qabel il-ħabs wasalna. Bħalissa l-ħabs ristretta jiġifieri hemm*

*hekk confined space allura rridu naraw illi meta toħroġ mill-ħabs ikun hemm closure illi nista' nghid din iva mhux ser terġa' tagħmel relapse. Dak huwa l-pjan.'*

Dr Mark Xuereb, psikjatra xehed fil-hdax (11) ta' Dicembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) fejn spjega li ilu jaf l-appellanta ghal xi sentejn, tlieta. Raha f'medda ta' forsi kull xahar u anke aktar spiss skond il-krizi, spjega li ghandha zewg *issues* li jahseb li ikkontribuxxew ghas-sitwazzjoni prezenti u cioe' dak psikologiku u dak socjali. Fost informazzjoni ohra spjega li l-perjodu minn l-elfejn u hmistax (2015) u anke madwar elfejn u erbatax (2014) sa elfejn u tmintax (2018) kien mument ta' krizi, spjega x'jigri meta jkun hemm zbilanc tal-hormones. Hija qieghda go program tahdem fil-kcina ta' Kordin. Spjega li l-ghan hu li tirrijabilita ruhha barra, spjega li fl-att socjali hemm network tajba u cioe' l-genituri dejjem kienu persistenti warajha, spjega li '*We are on the right track u mhux talli on the right track, illi rridu nkomplu nimxu to the next level biex tibqa' on the right track u tkun ta' eżempju bħal ma hi kapaċissima għat-tfal tagħha u tgħin by the way l-mummy u d-daddy għax ovvjament deħlin fiż-żmien imma dawn jissalbu għaliha.*' Ra kambjament fil-pozittiv, il-progress mhuwiex lineari mill-atti psikologiku, li dejjem ikun hemm certu korrezzjoni, certu challenges fil-psikologija imma '*il-general trend hija tajba, l-prognoses hija tajba stante li jkollha s-superviżżjoni ta' dawn il-professionals kollha.*' Huwa ofra li jkompli jsegwija. kontro-ezami spjega li l-krizi kienet madwar l-elfejn u erbatax (2014), kompliet tiggedded u tkattar ghal dak li fil-psikologija jghidulhom '*predisposing, precepititating and perpetual factors.*' Mistoqsi kemm dam il-mument ta' krizi jghid li '*qabel l-2014 dawk il-mumenti jiġifieri tal-2014 u 2013 pero' that is a spillover effect.*' Spjega li '*fejn is-soltu jkun hemm 10 options għal persuna li ma għandix dan l-istess u tikkonsidra dawn u tagħtihom equal weighing, fil każ minħabba li l-problemi li kellha għedt ikkonsidrat 3 biss. Ma jfissirx li 7 l-oħra le ..*' In ri-ezami mistoqsija kif giet ghandu spjega li missierha kien kelmu u kien hemm influwenza ta' terzi izda li dejjem kellu kollaborazzjoni u kooperazzjoni u ghalhekk fiducjuz li fuq bazi ta' barra jistghu jahdmu tajjeb hafna.

Fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) xehdet l-Ufficjal tal-Probation Charlot Fabri fejn xehdet li hija ma segwitx lil Annabelle Monreal izda li

bhalissa qed taghmel il-parole report imma ma ghandhiex ordni li issegwi l-andament taghha. Kienet ghamlet social inquiry report fejn qalet li l-attegjament kien wiehed tajjeb ghalkemm kien hemm diversi *behaviour reports* u dawn waqfu izda f'Jannar ta' din is-sena kien hemm iehor. Problema ta' droga qatt ma rrizultat izda dejjem segwietha fl-ambjent ta' habs. Bejn Lulju u Jannar ma kienx hemm rapporti izda kien hemm rapport gdid f'Jannar.

L-Ewwel Qorti ghar-reati li l-appellanta ammettiet ghalihom, ikkundannata ghal disa' xhur prigunerija effettivi. Ghalhekk jirrizulta li tali piena tersaq lejn il-minimu aktar milli lejn il-massimu. Dwar l-iskop tal-piena, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Mohamed BERKOUK, Maalem ABDERRAHMANE, Lazhari ZAMOUCHE'**[1] fejn gie kkunsidrat li:

'*6. Peress li dan huwa appell limitat biss għall-piena inflitta, din il- Qorti trid tistħarreġ jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għas-sentenza tagħha billi tanalizza jekk il- piena inflitta minn dik il-Qorti kienetx taqa' fil-parametri legali, jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju, jew jekk kienetx manifestament eċċessiva. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet* ***The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek*** *deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :*

*It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):*

*"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be*

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Ottubru, 2019 (Appell numru 234 tal-2019)

*reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."2*

*This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.*

*7. Fi ftit kliem, jispetta lill-Qorti tal-Maġistrati li tiddeċiedi fuq il-fatti tal-każ, fuq jekk l-imputat ikunx ħati jew le, u jekk ħati, x'piena għandha tingħatalu. Jekk il-Qorti tal-Maġistrati ma tkunx ħadet xi żball fl-analiżi tal-provi jew tal-Liġi, allura s-sentenza tagħha tibqa' torbot u din il-Qorti ma tistax taqbad u tbiddilha jew tħassarha jekk ma jkunx hemm raġuni valida għaliex. Jekk pero l-Qorti tal- Maġistrati tkun ħadet xi żball, imbagħad din il-Qorti għandha d- dmir li dak l-iżball tirranġah.*

*8. Din il-Qorti trid tanalizza wkoll jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet* ***<u>manifestament eċċessiva</u>*** *meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell* ***Kandemir*** *u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb****, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill- Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill- Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ.*

*Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Gudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju meta ġiet emanata dik il-piena.*

*9 Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :*

*(a) Retributtiv;*

*(b)Preventiv; u*

*(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena*

*L-**<u>aspett retributtiv</u>** tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali soċjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-soċjeta bil- kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għall- azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' tagħha.*

*L-**<u>aspett preventiv</u>** tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-soċjeta, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha **<u>qabel</u>** ma twettaq l-att kriminuż.*

*L-aspett preventiv għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is-soċjeta tiġi kemm jista' jkun imrażna milli tikkommetti reati minħabba l- biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-soċjeta titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura*

*ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill- membri tas-soċjeta milli jiddeżistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall- membri fi ħdan soċjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall- interessi tal-kollettivita'. Is-soċjeta allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.*

*Finalment hemm l-**aspett riedukattiv** u **rijabilitattiv** tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għas-soċjeta in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l- kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas- soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.*

*F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-ħati. Biex dan l-għan jintlaħaq, il-ħati għandu jsib dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu u jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jagħmel tajjeb għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l- Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva.'*

L-Ewwel Qorti *ai fini* ta' piena ikkunsidrat li l-appellanta ammettiet fi stadju bikri tal-proceduri, tal-fatt li hija recediva fejn kienet inghatat l-opportunita' li tirriforma ruhha izda li ma gharfitx tiehu l-opportunita' li tirriforma ruhha u ghalhekk qieset li l-aktar piena idonea tkun wahda karcerarja effettiva. Kif gia inghad jirrizulta li fil-mori ta' dan l-appell l-appellanta ipprezentat cedola ta' depozitu fl-ammont ta' elf u erba' mitt ewro (€1400) u dan sabiex eventwalment jigu liberalment zbankati mill-parti leza izda ma jirizultax car jekk hemmx ammonti ohra li ghadhom dovuti. Ghalkemm jirrizulta minn l-ahhar professjonisti li xehdu quddiem din il-Qorti u cioe'

Charles Cassar, Dr Mark Xuereb u l-Ufficjal tal-Probation Charlot Fabri li li kien hemm kambjament pozittiv fl-appellanta ghajr ghal rapport dixxiplinarju f'Jannar skont dak li xehdet Charlot Fabri, din il-Qorti tqis li l-appellanta jehtieg li twiegeb ghall-ghemilha. Stante li l-appellanta instabet hatja li hija recediva, din il-Qorti *ai termini* tal-artikolu 28H(7) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma tistax tikkundannaha ghal piena ta' prigunerija sospiza. Stante li jirrizulta li l-piena imposta mill-Ewwel Qorti hija fil-parametri tal-ligi u tersaq lejn il-minimu stabbilit mill-ligi u ghalhekk mhuwiex il-kaz li l-piena imposta hija sproporzjonata, ma ssibx raguni valida ghala ghandha tvarja l-piena imposta mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur